# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 174/2017**

Il-Pulizija

vs

**Joseph Spiteri**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 570155(M)

Illum, 23 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Joseph Spiteri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghax-xahar ta' Ottubru, 2016 fil-Gzejjer Maltin naqas li jaghti lil Carmen Spiteri, is-somma ta' 140 Euro, iffissata min dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew ghal martu, fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' April, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta mill-prosekuzzjoni u illiberatu bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien xahar ai termini

tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif wkoll ornatlu l-hlas ta'€140 fi zmien xahar ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Spiteri pprezentat fil-11 ta' April, 2017 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza sudetta u tilliberah minn kull piena u imputazzjoni skont il-Ligi jew, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax fis-sens hawn mitlub, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

**L-Ewwel Aggravju**

Illi jibda biex jinghad illi f'dawn il-proceduri qeghdin fil-kamp penali. Il-Ligi tal-procedura timponi fuq il-parti li trid tipprova xi haga li ggib l-ahjar prova. Dan l-obbligu huwa aktar rigoruz fil-kamp penali. Fil-kaz de quo l-parte civile Carmen Spiteri pprezentat kopja ta' Digriet li mhux legali u kwindi mhiex valida ghall-finijiet tal-Ligi u ma tistax titqies bhala prova abbazi ta' liema tista tinstab htija.

Illi l-esponenti argumenta quddiem l-ewwel Qorti – bhala eccezzjoni preliminari - illi l-kopja li giet esebita mill-parte civile bhala allegatament kopja ta' Digriet tal-Qorti mhiex kopja legali u avolja hija mmarkata bhala 'vera kopja' mill-avukat tal-parte civili, dak mhux l-ahjar prova u kwindi kellu jigi lliberat. Huwa car li l-ahjar prova f'dan il-kaz kellha tkun kopja legali tad-digriet in kwistjoni u cioe' kopja li tigi awtentikata mir-Registratur tal-Qorti u dan kif isir dejjem.

Illi apparti minn hekk il-kopja li giet ezebita hija ffirmata bhala vera kopja mill-avukat stess tal-parte civile.

Illi l-esponenti jinsisti li l-kopja li giet ezebita mhiex wahda legali u kwindi m'ghandux ikun hemm htija u ghandu jigi liberat.

**It-Tieni Aggravju**

Illi l-esponenti jsostni li ebda manteniment ma hu dovut lil martu ghax-xahar in dizamina peress illi b'sentenza tal-Onorabbli Qorti Civili Sezzjoni Familja tas-27 ta' Ottubru, 2016 gie deciz illi Carmen Spiteri m'ghandha dritt ghall ebda manteniment minghand l-appellant in kwantu hajta tal-firda. B'dan ghalhekk illi d-Digriet li qabel kien jirregola pendente lite lill-partijiet illum huwa superat bis-sentenza tal-Qorti u ghalhekk anke minn dan il-lat l-Ewwel Qorti kellha tillibera lill-esponenti in kwantu m'hemmx l-element kostitutiv gas-sejbien ta' htija konsistenti f'ordni tal-Qorti peress illi l-Ordni tal-Qorti li hemm bhalissa hija s-sentenza tal-Qorti tal-Familja li ddecidiet illi ebda manteniment m'hu dovut.

**It-tielet Aggravju**

Illi l-parte civile ppruvat targumenta quddiem l-Ewwwel Qorti li s-sentenza sudetta tal-Qorti tal-Familja tinsab taht appell u kwindi ghadu jirrenja d-Digriet precedenti. Illi b'kull rispett dan l-argument m'ghandux mis-sewwa kemm peress illi quddiem l-Ewwel Qorti l-parte civile ma gabet ebda prova kif trid il-Ligi biex isosstni t-tezi taghha li s-sentenza kienet taht appell. Ghal dan il-ghan kien ikun mehtieg il-prova idoneja f'dan is-sens konsistenti f'dikjarazzjoni mir-Registratur tal-Qorti – haga li ma saritx. Pero' dato ma non concesso, illi wiehed jacetta li hemm appell, dan ma jbiddel xejn mill-fatt illi la darba hemm sentenza tal-Qorti li tkun inghatat wara li l-Qorti tkun wieznet u rat kollox u rat il-provi kollha tali sentenza ghandha tipprevali – ghal finijiet ta' dawn il-proceduri – fuq semplici digriet li jkun inghata pendente lite u allura jkun intiz biex jirregola sitwazzjoni mmedjata bejn il-partijiet sa ma l-Qorti tkun rat kollox u tipprounujnzja ruhha b'mod definit. L-esponenti jsostni li una volta llum hemm sentenza huwa ovvju li ghal finijiet ta' dawn il-proceduri tali sentenza ghandha tipprevali fuq id-digriet pendente lite.

Illi ghalhekk anke minn dan il-lat ghandu jigi lliberat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tat-23 ta' Ginju, 2017 l-appellant hallas lill-parte civile s-somma dovut ta' mija u erbghin euro (€140) u il-parte civile ddikjarat li ma ghnsdhiex aktar interess f'dan l-appell.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tichad l-appell ta' Joseph Spiteri u tikkonferma s-sentenza fil-meritu. Dwar il-piena tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.